I

(Atti leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) 2021/774

tal-10 ta' Mejju 2021

li jemenda r-Regolament (UE) Nru 389/2012 dwar kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tad-dazji tas-sisa rigward il-kontenut tar-reġistri elettroniċi

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 113 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ([1]),

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([2]),

Filwaqt li jaġixxi skont proċedura leġiżlattiva speċjali,

Billi:

(1) L-Artikolu 19 tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 389/2012 ([3]) jistabbilixxi l-obbligu għall-Istati Membri li jżommu reġistri elettroniċi ta' awtorizzazzjonijiet tal-operaturi ekonomiċi u tal-imħażen tat-taxxa li huma involuti fil-moviment tal-oġġetti soġġetti għas-sisa b'arranġamenti ta' sospensjoni tad-dazju.

(2) Id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2020/262 ([4]) testendi l-użu tas-sistema kompjuterizzata taħt id-Deċiżjoni (UE) 2020/263 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([5]), li qed tintuża bħalissa biex tissorvelja l-movimenti tal-oġġetti soġġetti għas-sisa b'sospensjoni tad-dazju, għas-superviżjoni tal-oġġetti soġġetti għas-sisa rrilaxxati għall-konsum fit-territorju ta' Stat Membru wieħed u li mbagħad jiġu trasferiti lejn it-territorju ta' Stat Membru ieħor biex jiġu konsenjati għal finijiet kummerċjali.

(3) Sabiex ikun jista' jseħħ il-funzjonament tajjeb tas-sistema kompjuterizzata billi tiġi żgurata l-ħażna ta' *data* kompluta, aġġornata u preċiża, hemm bżonn li l-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) Nru 389/2012 jiġi emendat sabiex tiġi stipulata l-informazzjoni li l-Istati Membri jenħtieġ li jintroduċu fir-reġistri elettroniċi b'rabta mal-konsenjaturi ċċertifikati u d-destinatarji ċċertifikati li jċaqalqu l-oġġetti soġġetti għas-sisa okkażjonalment biss.

(4) Minħabba li l-għanijiet ta' dan ir-Regolament, jiġifieri l-ispeċifikazzjoni tal-informazzjoni li l-Istati Membri jenħtieġ li jdaħħlu fir-reġistri elettroniċi rigward il-konsenjaturi ċċertifikati u d-destinatarji ċċertifikati li jċaqalqu l-oġġetti soġġetti għas-sisa okkażjonalment biss, ma jistax jinkiseb suffiċjentement mill-Istati Membri iżda, minħabba li jrid

([1]) Opinjoni tad-29 ta' April 2021 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).
([2]) Opinjoni tas-27 ta' April 2021 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).
([3]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 389/2012 tat-2 ta' Mejju 2012 dwar kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tad-dazji tas-sisa u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 2073/2004 (ĠU L 121, 8.5.2012, p. 1).
([4]) Id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2020/262 tad-19 ta' Diċembru 2019 li tistabbilixxi l-arranġamenti ġenerali għad-dazju tas-sisa (ĠU L 58, 27.2.2020, p. 4.)
([5]) Id-Deċiżjoni (UE) 2020/263 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Jannar 2020 dwar il-kompjuterizzazzjoni tal-moviment u tas-sorveljanza ta' oġġetti soġġetti għas-sisa (ĠU L 58, 27.2.2020, p. 43).

jiġi żgurat il-funzjonament armonizzat tas-sistema kompjuterizzata u tiġi ffaċilitata l-ġlieda kontra l-frodi, jista' jinkiseb aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit fl-istess Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak meħtieġ biex jintlaħaq dak il-għan.

(5) Dan ir-Regolament jirrispetta d-drittijiet fundamentali u josserva l-prinċipji rikonoxxuti mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari d-dritt għall-protezzjoni ta' *data* personali. Fid-dawl tal-limiti stabbiliti bir-Regolament (UE) Nru 389/2012, l-ipproċessar ta' din id-*data* mwettaq fil-qafas ta' dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak neċessarju u huwa proporzjonat għall-fini tal-protezzjoni tal-interessi fiskali leġittimi tal-Istati Membri.

(6) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* ġie kkonsultat f'konformità mal-Artikolu 42 tar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([6]).

(7) Sabiex id-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament tiġi allinjata mad-data tal-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva (UE) 2020/262 dwar l-awtomatizzazzjoni tal-movimenti tal-oġġetti soġġetti għas-sisa rrilaxxati għall-konsum fit-territorju ta' Stat Membru wieħed u li mbagħad jiġu ttrasferiti lejn it-territorju ta' Stat Membru ieħor biex jitwasslu għal finijiet kummerċjali fit-territorju ta' dak l-Istat Membru l-ieħor u biex l-Istati Membri jkollhom biżżejjed żmien biex iħejju għall-bidliet li jirriżultaw minn dan ir-Regolament, dan ir-Regolament jenħtieġ li japplika mit-13 ta' Frar 2023.

(8) Għaldaqstant, jenħtieġ li r-Regolament (UE) Nru 389/2012 jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Fl-Artikolu 19(2) tar-Regolament (UE) Nru 389/2012, jiżdiedu l-punti segwenti:

"(l) għall-konsenjaturi ċċertifikati li jibagħtu oġġetti soġġetti għas-sisa okkażjonalment biss imsemmija fl-Artikolu 35(8) tad-Direttiva (UE) 2020/262, il-kwantità ta' oġġetti soġġetti għas-sisa, l-identità tad-destinatarju fl-Istat Membru tad-destinazzjoni u l-perijodu ta' żmien li għalih iċ-ċertifikazzjoni temporanja hija valida;

(m) għad-destinatarji ċċertifikati li jirċievu oġġetti soġġetti għas-sisa okkażjonalment biss imsemmija fl-Artikolu 35(8) tad-Direttiva (UE) 2020/262, il-kwantità ta' oġġetti soġġetti għas-sisa, l-identità tal-konsenjatur fl-Istat Membru tad-dispaċċ u l-perijodu ta' żmien li għalih iċ-ċertifikazzjoni temporanja hija valida.".

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mit-13 ta' Frar 2023.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Mejju 2021.

Għall-Kunsill
Il-President
J. BORRELL FONTELLES

([6]) Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).